10 ta' Diċembru, 1951.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Präsi*

L-Onor. D . L.A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

***Rikors* ta' Maria Frendo Randon et. *versus* Dr. Vincenzo Gatt nè**

## Diviżjoni — Titoli — Taxxa tal-Bolli — Art. 59 (1) ta' l-Ordinanza VII ta' l-1918.

*Id-dispożizzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-art. 59 ta' l-Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Bolli, li tirrendi bollabili l-attijiet ta' akkwist, trasferiment, assenjazzjoni, jew negozjazzjoni ta' titoli jew valuri negozjabili, hija dispożizzjoni ġenerika li tikkomprendi dawk l-attijiet kollha li jidħlu f'waħda jew f'oħra minn dawk il-figuri ġuridiċi, mingħajr ebda eċċezzjoni, jekk din ma tkunx stabbilita mill-liġi.*

*Att ta' qasma ta' titoli, fejn il-kondividenti jassenjaw lil xulxin is-sehem li kull wieħed minnhom imissu minn dawk it-titoli, jaqa' taħt dik id-dispożizzjoni, u għalhekk huwa suġġett għat-taxxa tal-boll kontemplata fl-istess dispożizzjoni.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors tal-fuq imsemmija Maria Frendo Randon mart in-Nutar Rosario, Alice mart Philip Despott, Kaptan Reginald Cassar Torreggiani, Markiża Evellina Cassar Desain mart il-Markiż James Cassar Desain, Antonio Alberto Cassar Torreggiani, Maud mart Joseph Anthony Sant Manduca u l-istess Sant Manduca bħala prokuratur ta' Jane mart William Burridge, Grace armla minn Giuseppe Cassar Torreggiani bħala tutriċi ta' binha minuri Andrea u bħala mandatarja ta' wliedha Francis u Ralph, Lucy mart Denis Whitaker, Kaptan Paolo Cassar Torreggiani, Elizabeth mart Eugene Joseph Fish, William Cassar Torreggiani, Avukat Dottor Alberto Ganado bħala kuratur ta' l-interdetta Lina mart il-Maġġur Joseph Maurice Crancher, in-nisa miżżewġa bl-assistenza ta' żwieġhom ; li, wara li qalu illi b'ruling tiegħu mogħti fit-22 ta' Mejju 1951, fl-okkażjoni tad-diviżjoni tat-titoli u krediti formanti parti mill-assijiet ereditarji ta' Paolo u Emilia Cassar Torreggiani — liema diviżjoni ġiet pubblikata minn Nutar Robert Girard fil-25 ta' l-istess xahar — il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ddeċieda illi d-diviżjoni ta' titoli kienet taxxabili skond l-art. 59 (1) ta' li Stamp Duty

Ordinance (dok. A); illi huma, peress li jħossu ruħhom aggravati minn dan ir-ruling, qegħdin jappellaw quddiem din l-Onorabbli Qorti; illi l-aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-artikolu fuq ċitat ma jirrigwardax l-attijiet ta' diviżjoni ta' titoli, imma biss l-attijiet ta' akkwist, trasferiment, assenjazzjoni, jew negozjazzjoni, li bihom titoli jiġu trasferiti, akkwistati, assenjati, jew b'xi mod negozjati — attijiet dawn kollha li jimplikaw idea ta' onerożità, u huma differenti mill-attijiet ta' diviżjoni; illi kieku l-leġislatur ried jikkomprendi f'dan l-artikolu d-diviżjoni, kien igħidu espressament, kif qalu fl-art. 57 (1) ta' l-istess liġi li jirrigwarda d-diviżjoni ta' stabili; illi *evidentement l-appellat irid jinkludi fil-kliem* "instrument of assignment" id-diviżjoni peress li din issir tant b'x-xorti kemm b'assenjazzjoni, però li dan ir-raġunament huwa fallaċi jidher (a) mill-fatt illi l-leġislatur qal "instrument of assignment", u mhux "assignment" biss, u l-att taddiviżjoni qatt ma jista' jissejjaħ "instrument of assignment", imma "*instrument of partition*", u *(b) is-sinifikat li għandhom* il-kliem "instrument of assignment" huwa differenti minn dak li għandha l-kelma "assignment" weħedha, li jista' jkollha sinifikat molteplići u illimitat, bħal ma jidher mill-art. 57 (ii), fejn dil-kelma tfisser ċessjoni, u l-fatt li fid-diviżjonijiet ġie li jintużaw il-kliem ta' "assenjazzjoni" ma jirrendix "an instrument of partition" att differenti milli huwa, ċjoè "instrument of assignment"; illi li l-leġislatur ma riedx jipparifika għall-finijiet tal-boll id-diviżjoni ta' stabili ma' dik ta' titoli jidher ukoll mill-fatt illi fl-Ordinanza XVIII ta' l-1918, relattiva għall-Imposti fuq is-Suċċessjoni, posterjuri għal-Liġi tal-Boll, eżenta mill-boll id-diviżjoni ta' l-immobili ereditarji meta l-eredi jkunu ħallsu t-taxxa tas-suċċessjoni relattiva; illi kieku d-diviżjoni tat-titoli kienet suġġetta għall-istess boll bħal dik tad-diviżjoni ta' stabili, il-leġislatur kien ċertament jikkonċedilha l-istess eżenzjoni, għax ma hemm l-ebda raġuni ta' trattament preferenzjali; talbu li r-"ruling" *tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq ċitat jiġi revokat.* Blispejjeż kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appellat Dottor Vincenzo Gatt nomine, li qal li d-deċiżjoni tiegħu hija ġusta u skond il-liġi; li fir-rikors tagħhom l-appellanti ma ġiebu l-ebda argument ħlief

dak li jirrikavaw mill-konfront ta' l-art. 57 (1) u 59 (1), billi l-kelma "diviżjoni" imsemmija fl-ewwel wieħed mhix imsemmija fit-tieni; illi però, fl-istess art. 59 (1) hemm il-kliem "assenjazzjoni jew negozjazzjoni", li jinkludu, bla dubju ta' xejn, l-assenjazzjoni, li dejjem issir fid-diviżjoni. Infatti, f'dan il-kontest il-kelma "assenjazzjoni" għandha sinifikat divers minn dak li għandha l-kelma "assignment" fl-art. 57 (2). F'dan l-artikolu r-riferenza tal-liġi hija ristretta unikament għaċ-ċessjoni ta' krediti u ta' drittijiet oħra, previsti fl-art. 1551 sa 1556 tal-Kodiċi Ċivili. Jekk wieħed iħares lejn il-fonti ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet, jiġifieri t-test li kien in vigore qabilha, isib fejn huwa l-iżball ta' l-appellanti. Fit-test tal-"Laws of Malta" it-test taljan kien igħid "cessione dei crediti ed altri diritti", u t-test ingliż kien igħid "Transfers of debts or other rights" (vide Laws of Malta, publikati fl-1930. Vol. III, paġ. 266, art. 57 (l-aħħar paragrafu) ta' l-Ordinanza VII ta' l-1918). Fl-istess Edizzjoni tal-Laws of Malta (paġ. 266, art. 59) minn dejjem kienet tidher il-kelma jew il-kliem "assegnazione o negoziazione" — ħaġa li turi ċar id-distinzjoni fil-moħħ tal-leġislatur bejn iċ-ċessjoni u l-assenjazzjoni. Però, meta ġiet biex issir ir-"Revised Edition", il-kompilaturi tagħha għamlu sew ittraduċew il-kelma "cessione" fl-artikolu 57 fil-kelma "assignment"; għax din hija wkoll id-diċitura l-ġdida wżata fil-Kodiċi Ċivili, mentri fl-art. 1215 et seq. ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 kienet tintuża l-kelma "transfers of debts". Illi issa l-appellanti qegħdin jekwivokaw fuq dan l-użu tal-kelma "assignment" fl-art. 57 (2) tar-Revised Edition, però hu ċar li fl-art. 57 (2) il-kelma "assignment of debts and other rights" tfisser ċessjoni ta' krediti u ta' drittijiet oħra "biss", mentri l-kelma "assignment" u "assenjazzjoni" fl-art. 59 tfisser dak li tfisser letteralment u ordinarjament. Illi fil-materja ta' liġijiet fiskali l-interpretazzjoni letterali u ordinarja għandha tirbaħ. Issa, is-sinifikat ta' "assenjazzjoni", meta tħalli barra l-każ ta' ċessjoni ta' krediti, huwa dak ta' "speċifikazzjoni" jew "determinazzjoni", u ma hemm l-ebda dubju li l-operazzjoni li ssir fid-diviżjoni hija "determinazzjoni" jew "speċifikazzjoni" ta' kwoti. Illi f'dan is-sens hija Kos-

tanti l-ġurisprudenza *tal-Qorti* Kolleġjali tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili, li dejjem irriteniet bollabili taħt l-art. 59 id-diviżjoni ta' titoli. Illi din il-kwistjoni lanqas missha qatt inqalgħet wara *ż-żewġ pronunzji* awtorevoli ta' din il-Qorti fil-kawżi "Edwin Vassallo ne. vs. Oscar Sammut ne.", deċiża fid-19 ta' Diċembru 1945, u "Edward Arrigo vs. Dr. Gatt ne.", *deċiża fl-20 ta' Diċembru 1946.* Illi *persino* l-assenjazzjoni ta' "shares" illi ssir fl-att ta' kostituzzjoni ta' soċjetà hija bollabili skond l-art. 59 fuq imsemmi. Bħal fid-diviżjoni, il-kelma "assenjazzjoni" *f'kuntratt ta' soċjetà* b'shares ma tfissirx ħaġ'oħra ħlief "allotment" jew "allocation", u dan hu s-sens li dik il-kelma għandha fl-imsemmi art. 59. U talab li r-rikors ta' l-appellanti jiġi *respint*, bl-ispejjeż;

Semgħet id-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat;

*Illi fil-25 ta' Mejju 1951, b'kuntratt* riċevut minn Nutar Dr. Robert Girard, l-appellanti qasmu bejniethom it-titoli provenjenti mill-assijiet ereditarji ta' Paolo u Emilia ġà konjuġi Cassar Torreġġiani. Fuq mistoqsija ta' l-istess appellanti, jew ta' persuna minnhom inkarikata, l-appellat nomine rrisponda (fol. 5) li dak l-att tal-qasma għandu jiġi bollat skond id-dispożizzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-art. 59 tat-Taxxa tal-Boll (Kap. 68). li jiddisponi li t-taxxa tal-boll hemm indikata għandha tiġi mħallsa "fuq kull att ta' akkwist, trasferiment, assenjazzjoni, jew negozjazzjoni, li bih valur negozjabili, li jkun maħruġ minn jew fl-isem ta' Stat jew Gvern li mhux il-Gvern ta' Malta, jew minn korp muniċipali, korporazzjoni jew korp ieħor ta' pajjiż barrani jew ta' kolonja, u li jkun trasferibili bil-kunsinna, jiġi akkwistat, trasferit, assenjat, jew b'xi mod ieħor negozjat minn jew fl-isem ta' persuni li jkunu jinsabu f'Malta, u fuq kull att li bih azzjoni jew ċertifikat għall-portatur, li jkunu jirrappreżentaw azzjoni jew kapital ta' soċjetà jew korp ta' persuni iffurmat jew stabbilit barra minn Malta, jiġu akkwistati, trasferiti, assenjati, jew b'xi mod ieħor negozjati minn jew fl-isem ta' persuna li tkun tinsab f'Malta";

Kontra dak ir-"ruling" tal-Kummissarju ta' l-Inland Revenue r-rikorrenti ġiebu 'l quddiem dan l-appell, billi jippretendu li d-dispożizzjoni fuq miġjuba ma tikkomprendix l-at-

tijiet ta' qasma ta' titoli, imma tapplika biss għall-attijiet oħra li jimplikaw idea ta' onerożità, differenti minn dawk ta' qasma, u billi, kieku l-leġislatur ried jikkomprendi l-attijiet ta' qasma, kien igħidu espressament bħal ma għamel fl-ewwel paragrafu ta' l-art. 57 ta' l-istess Liġi;

Ikkunsidrat;

Illi fl-imsemmija dispożizzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-art. 59 huma espressament indikati l-attijiet ta' akkwist, trasferiment, assenjazzjoni, jew negozjazzjoni. ta' titoli jew valuri negozjabili. Din id-dizzjoni tal-liġi hija ġenerika, u tikkomprendi dawk l-attijiet kollha li jidħlu f'waħda jew fl-oħra minn dawk il-figuri ġuridiċi mingħajr ebda eċċezjoni, jekk dina ma tinsabx stabbilita mil-liġi. L-appellanti jsostnu li bil-kuntratt tal-qasma in kwistjoni ma sar ebda trasferiment tat-titoli, u l-kuntratt ma kienx oneruż — żewġ ċirkustanzi dawn li, skond il-fehma tagħhom, jirrendu l-att mhux kollabili skond id-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija;

Fuq l-interpretazzjoni ta' l-art. 59 in eżami, din il-Qorti kellha okkażjoni tesprimi ruħha fil-kawża "Edwin Vassallo nomine vs. Oscar Sammut nomine", maqtugħa fid-19 ta' Diċembru 1945 (Kollez. Vol. XXXII, P. I, paġ. 331), fejn ġie rifenut li l-użu da parti tal-leġislatur ta' espressjonijiet hekk ġeneriċi ta' akkwist ("purchase"). trasferiment ("transfer"), assenjazzjoni ("assignment"), u negozjazzjoni ("negotiation"), juru li l-idea ma kienetx limitata għal trasferiment, billi f'dan il-każ kien juża sempliċement din il-kelma, li għandha u kellha tikkomprendi kwalunkwe trasferiment, u ma jżidx il-kelma "akkwist" li fid-dizzjoni taljana, kif oriġinarjament kitibha l-leġislatur, għandha sinifikat wisq iżjed estiż mill-kelma "purchase" ("compra"), u mbagħad iżjed "assenjazzjoni" u "negozjazzjoni". Barra minn dan, il-leġislatur, biex juri kemm kienet ġenerika l-idea tiegħu u kemm ried jikkomprendi kollox, fl-art. 60. in riferenza għall-artikolu ta' qabel (59). uża l-kliem ta' "bejgħ", "negozjazzjoni", jew "kull kuntratt ieħor";

Ikkunsidrat;

Illi bil-kuntratt tal-25 ta' Mejju 1951 saret bejn l-appellanti l-qasma tat-titoli lilhom provenjenti mill-wirt tal-ġenituri tagħhom. u bl-istess att huma assenjaw lil xulxin il-kwo-

ta li kull wieħed minnhom kien imissu minn dawk it-titoli. Dik l-assenjazzjoni hija soġġetta għat-taxxa tal-boll skond l-imsemmi art. 59, li tikkomprendi l-attijiet ta' assenjazzjoni ta' titoli jew valuri negozjabili. Kif sewwa sostna l-appellat nomine, il-kelma "assenjazzjoni" għandha tiġi meħuda fis-sens letterali u ordinarju tagħha; u kif ġie deċiż minn din il-Qorti fil-kawża "Simonds De Brett ne. vs. James Turner ne." fis-16 ta' Frar 1934 (Kollez. Vol. XXVIII, parte I, paġ. 523), b'riferenza għal sentenza oħra, anki ta' din il-Qorti, tas-7 ta' Diċembru 1921, fil-kawża "Dr. Manchè vs. Onor. Huber ne.", "quando le leggi tributarie sono chiare non è permessa alcuna interpetazione, ma esse devono esser applicate nel loro senso letterale, poichè l'interpretazione che meglio si addice alle leggi tributarie, anche nel dubbio, come c'insegna Ulpiano, è la letterale, 'In re igitur dubia melius est verbis edicti servire' — sezione 1, para. 20, Digesto "De exercitoria actione". Nè possono sempre le leggi tributarie interpretarsi con le regole di diritto comune, perchè in simili leggi il legislatore molte volte sente il bisogno di discostarsi da quelle regole per assicurare una maggione produttività, imponendo sacrifici al singolo cittadino per il bene collettivo e per tutelare la legge contro possibili evasioni". Konsegwentement, billi, kif intqal fuq, id-dizzjoni tad-dispożizzjoni tal-liġi in kwistjoni hija ċara, kwalunkwe interpretazzjoni li ma taqbelx ma' dik id-dizzjoni hija arbitrarja u ma għandhiex tiġi ammessa;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tiddeċidi billi tiddikjara korrett, u għalhekk tikkonferma, l-imsemmi "ruling" mogħti mill-appellat nomine fit-22 ta' Mejju 1951 (fol. 5), u konsegwentement tirrespinġi l-appell miġjub 'il quddiem kontra dak ir-"ruling". Bl-ispejjeż kontra l-appellanti.